Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 365/2015/1

**Wara l-ittra ufficjali numru 857/2015 *ai termini* tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 prezentata fit-2 ta' Gunju 2015 fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet:**

**Equipment Hire Limited [C18588] (appellata)**

**vs**

**Wayne Zammit u John Azzopardi [I.D. 623760M] (appellant)**

21 ta' Marzu, 2017.

1. Permezz ta' rikors prezentat fis-7 ta' Dicembru 2015, ir-rikorrent John Azzopardi talab lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tiddikjara nulla l-ittra ufficjali tat-2 ta' Gunju 2015 (Nru: 857/15) li saret skont l-artikolu 166A tal-Kap. 12, u tħassar kull mandat eżekuttiv li hareg in forza taghha nkluz il-mandat ta' sekwestru numru 2578/15. Ir-raguni li nghatat mir-rikorrent kienet:

    i. Fl-ittra ufficjali m'hemmx b'mod car ir-raguni li fuqha hi msejsa t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa' u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba. Kull ma gie ddikjarat hu li l-ammont pretiz (€6,300) hu dovut *"in konnessjoni ma' kiri ta' ghodda"*.
    ii. Ir-rikorrenti m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta intimata.

2. Is-socjeta intimata wiegbet:

    i. Ir-rikorrent jonqos milli jispjega ghaliex ma kienx irrisponda ghall-ittra ufficjali.
    ii. Mhux minnu li ma hemmx raguni cara li fuqha qeghda tigi bazata t-talba.
    iii. Meta r-rikorrent kien infurmat li ntuzat il-karta tal-identita tieghu ghall-kiri tal-ghodda, kien qal li l-karta tal-identita m'hijiex tieghu. Hu biss wara li gew involuti l-pulizija li qal li kien hemm serq tal-karta tal-identita.

3. B'digriet moghti fit-8 ta' Frar, 2016, l-ewwel qorti cahdet it-talbiet.

4. Ir-rikorrent appella. L-aggravji huma:-

i. Ma jirrizultax li l-pretensjoni tas-socjeta intimata hi bazata fuq dejn cert, likwidu u li ghalaq.
ii. L-ittra ufficjali ma fihiex b'mod car, ir-raguni li fuqha hi bazata t-talba, ir-ragunijiet ghalfejn it-talba ghandha tintlaqa' u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba.

5. Is-socjeta intimata wiegbet billi rriproduciet id-decizjoni tal-ewwel qorti u ziedet li dak kollu li ssolleva r-rikorrent kien ikun sodisfacenti bhala risposta ghall-ittra ufficjali li kieku saret fi zmien ghoxrin (20) jum min-notifika tal-ittra ufficjali.

6. **Fatti.**

i. Fit-2 ta' Gunju, 2015, l-intimata pprezentat ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 kontra r-rikorrent u Wayne Zammit, fejn gew interpellati jhallsu s-somma ta' €6,300 ***"in konnessjoni ma' kiri ta' ghodda"***.
ii. Fil-5 ta' Gunju, 2015 ir-rikorrent gie notifikat bl-ittra ufficjali.
iii. Ir-rikorrent u l-intimat l-iehor m'ghamlux opposizzjoni ghall-ittra ufficjali bil-mod kontemplat fil-ligi. B'hekk is-socjeta intimata kisbet titolu ezekuttiv. Fil-fatt ir-Registratur iddikjara li fis-7 ta' Lulju, 2015 l-ittra ufficjali saret ezegwibbli.
iv. Fl-24 ta' Novembru, 2015, is-socjeta intimata pprezentat mandat ta' sekwestru ezekuttiv kontra r-rikorrent u l-intimat l-iehor (numru 2578/2015) ghas-somma ta' €6,300.
v. Fl-atti m'hemmx prova li r-rikorrent gie notifikat bil-mandat. Madankollu fis-7 ta' Dicembru, 2015 ipprezenta rikors ai termini tal-artikolu 166A(5) tal-Kap. 12.

7. **Konsiderazzjoni.**

Titolu ezekuttiv li jottjeni kreditur bis-sahha tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 jista' jigi dikjarat null u bla ebda effett jekk:

i. Id-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficjali ghaliex ma kienx notifikat kif imiss, li m'huwiex il-kaz in ezami; jew
ii. L-ittra ufficjali ma fihiex il-htigijiet li jissemma fis-subartikoli (1), (2) u (3).

Dan minkejja li d-debitur ma jkunx oppona t-talba bil-mod kontemplat fis-subinciz (4).

L-ittra ufficjali ghandu jkun fiha taht piena ta' nullita, *"(.....) ir-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa', u* ***dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba****"* (subinciz 2).

Fl-ittra ufficjali oggett ta' dawn il-proceduri jinghad:

*"Bil-prezenti Equipment Hire Ltd (C19599) ta' Notabile Road, Mriehel tinterpellakom sabiex fi zmien hamest ijiem thallsu s-somma ta' sitt elef u tlett mitt ewro (euro6,300) in konnessjoni ma' kiri ta' ghodda.*

*Il-mittenti tavzak li sakemm l-ghodda jigi ritornati intkom responsabbli sabiex thallsu lill-mittenti euro630 fix-xahar.*

*Dan l-ammont huwa cert likwidu u dovut.*

*Din l-ittra ufficjali qieghda ssir ukoll ghal finijiet tal-artikolu 2156 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Fin-nuqqas jittiehdu passi ulterjuri kontra tieghek bil-hrug ta' mandati permessi mil-ligi"*.

L-ewwel qorti qalet:

*"Issa f'dan il-kaz, jekk wiehed jezamina l-ittra ufficjali in kwistjoni ezebita a fol. 5, jirrizulta bic-car dak li l-mittenti qed jitlob lir-rikorrenti u lil Wayne Zammit, u cioe' n-natura tal-obbligazzjoni (l-hlas ghall-kera ta' ghodda), l-ammont tal-kreditu tieghu (is-somma ta' €6,300) u mil-liema att huwa naxxenti tali dejn. Ghalhekk is-subartikolu (2) zgur li gie sodisfatt.*

*Jinghad ukoll f'dan ir-rigward li r-rikorrenti kien jaf x'inhi tippretendi s-socjeta intimata, pero hass li la fil-fehma tieghu tali ammont mhux dovut u tali obbligazzjoni ma kinitx vera, seta' jaghzel li ma jirrispondix tali ittra ufficjali"*.

Meta xehed quddiem l-ewwel qorti, ir-rikorrent qal:

*"Meta kont ircevejt id-dokument A, effettivament kont indunajt li dan mill-Qorti. Fil-fatt l-ittra jiena kont qrajtha. Jiena ma hassejtx li kelli nwiegeb ghal din l-ittra ufficjali ghax ma hassejtx li kelli ghalfejn. Jiena fhimt illi huma kienu qed jallegaw li jiena krejt xi ghodda minghandhom meta fil-fatt ma kont krejthom"*.

M'hemmx dubju li r-rikorrent ghamel hazin li meta rcieva l-ittra ufficjali ma marx ghand avukat jew prokuratur legali ghall-parir, u dan minkejja li fiha kien jinghad li hu fl-interess tieghu li jitkellem ma' avukat jew prokuratur legali. Hu evidenti li r-rikorrent m'apprezzax il-konsegwenzi serji li ggib maghha in-nuqqas ta' opposizzjoni bil-mod kontemplat mil-ligi. Madankollu din il-qorti ma taqbilx mal-posizzjoni li hadet il-qorti ghaliex l-uniku fatt li fiha l-ittra ufficjali hu li l-hlas li ntalab kien, *"in konnessjoni ma' kiri ta' ghodda"*. M'hemm l-ebda dettalji ohra, bhal:-

i. Min kienu l-partijiet ghall-kirja, iktar u iktar meta tqies li l-ittra ufficjali saret kontra r-rikorrent u Wayne Zammit.
ii. X'kienet l-ghodda li nkriet.
iii. Id-data meta nkriet l-ghodda.
iv. Il-perjodu pattwit tal-lokazzjoni.

v. Il-kera pattwita, inkluz dikjarazzjoni cara u tonda jekk il-hlas pretiz kienx kera.

Fatti li fil-fehma tal-qorti huma rilevanti in sostenn tat-talba ghall-hlas. Wiehed jista' jargumenta li certu fatti wiehed jista' jasal ghalihom billi jaghmel kalkoli mill-ftit li nghad fl-ittra ufficjali. Pero' dan m'huwiex il-mod kif isiru l-affarijiet. Il-ligi hi cara, cjoe' li trid issir, ***"dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba"***. Il-ligi ma tghidx fatt izda **fatti**. Wiehed irid jiftakar li din hi procedura specjali li twassal sabiex persuna tottjeni titolu ezekuttiv daqslikieku ghandha sentenza. Ghalhekk m'huwiex bizzejjed li tghid li t-talba ghall-hlas ta' €6,300 saret *"in konnessjoni ma' kiri ta' ghodda"*. Ghalkemm l-ewwel qorti qalet li r-rikorrent, *"(....) kien jaf x'inhi tippretendi s-socjeta intimata,......"*, b'daqshekk ma jfissirx li l-ittra ufficjali kienet tissodisfa dak kollu li *ad validitatem* hu mehtieg mil-ligi.

In vista ta' dak li nghad hawn fuq m'hemm htiega li l-qorti tindirizza l-ewwel aggravju.

**Ghal dawn ir-ragunijiet:-**

1. **Tilqa' l-appell u thassar id-decizjoni li nghatat mill-ewwel qorti fit-8 ta' Frar, 2016.**
2. **Tiddikjara l-ittra ufficjali prezentata fit-2 ta' Gunju, 2015 (numru 857/15) hi nulla u ghalhekk bla effett.**
3. **Fir-rigward tat-talba ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru: 2578/15 dan ghandu jsir bil-hrug tal-kontromandat relattiv mill-qorti li ordnat il-hrug tieghu.**

**Spejjez taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet. Ghalhekk ir-rikorrent hareg rebbieh jibqa' l-fatt li dawn il-proceduri kien hemm bzonnhom ghaliex hu ghazel li ma jkellimx avukat jew prokuratur legali minkejja l-avviz li nghata fl-istess ittra ufficjali.**

Anthony Ellul.